SAN GILJAN

**KUNSILL LOKALI SAN ĠILJAN**
**Triq Forrest, San Ġiljan, STJ 2033**
Tel: 21373111  Fax: 21373444
email: sangiljan.lc@gov.mt

**Rif Minuti 28/K7/14**

**Nru tal-laqgħa minn 07/04/'94 – 29/05/'14** **311**

**Nru ta' seduti minn 07/04/'94 – 29/05/'14** **366**

**Nru ta' Laqgħa Pubblika minn 10/03/'95 – 21/11/'13** **19**

**1. Introduzzjoni**

1.01 Minuti tal-laqgħa ta' nhar il-Ħamis 29 ta' Mejju 2014

1.02 Il-Kunsill iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv, Triq Forrest, San Ġiljan, fit-2.00 p.m.

1.03 Preżenti:
Is-Sindku Peter Bonello
Il-Viċi Sindku Charles Camenzuli
Il-Kunsillier Norman Vella
Il-Kunsillier Anthony Grech
Il-Kunsillier Alex Grech
Il-Kunsilliera Irene Borg
Il-Kunsillier Richard Scicluna
Il-Kunsillier John Agius
Is-Segretarju Eżekuttiv Helen Walker
L-iskrivana Cher Carmen Fenech
L-Accountant tal-Kunsill Ms.Johanna Caruana

1.04 Skużati (1) - Il-Kunsilliera Rita Dimech Portelli

1.05 Assenti (0) –

1.06 Preżenza tal-Pubbliku:- (0)

1.07 Kien hemm preżenti wkoll Ms. Johanna Caruana bħala rappreżentanta ta' JCA Ltd għall-accounts tal-Kunsill.

1.08 Is-Sindku Peter Bonello ppresieda l-laqgħa.

## 1.1 Talba

1.1.01 Inqrat it-Talba.

## 1.2 Aġenda

1.2.01 Il-Kunsill mexa' fuq l-avviż li ġie ppubblikat fit-23 ta' Mejju 2014. L- Aġenda kienet hekk:-

1. Approvazzjoni ta' Minuti
2. Korrispondenza
3. *Management Letter*
4. Rapport Finanzjarju sal-31 ta' Marzu 2014
5. Progett ghal *Upgrading* tal-Pjazza u tal-Madwar
6. Approvazzjoni ta' Pagamenti
7. Approvazzjoni ta' Purchase Request Sheets

## 1.3 Approvazzjoni ta' Minuti

1.3.01 Is-Sindku ressaq il-Minuti 27/K7/14 għall-approvazzjoni.

1.3.02 Il-Kunsillier Norman Vella ppropona l-approvazzjoni tal-Minuti 27/K7/14.

1.3.03 Il-Kunsillier Richard Scicluna ssekondah.

1.3.04 Il-Kunsill qabel unanimament.

## 1.4 Approvazzjoni ta' Minuti – Kumitat Amministrattiv Paceville

1.4.01 Il-Kunsill approva unanimament il-Minuti 39/KA1/14 u l-Minuti 40/KA1/14 tal-Kumitat Amministrattiv Paceville (Ara Appendiċi 'A' u 'B').

## 2. Korrispondenza

2.01 Fuq il-mejda tal-konferenza tqegħdet il-korrispondenza li nqrat miċ-Ċermen. Dawn huma:-

**Rif. Nru. Korrispondenza**

1891 Ittra mingħand il-Perit Ian Cutajar b'talba għat-tneħħija ta' *parking bay.*

1946 Email mingħand Jonathan Mercieca rigward l-*invoice* għal *filming* tal-Festa ta' Lapsi għas-sena 2013.

1985 Ċirkulari mid-Dipartiment tas-Servizzi Veterinarji rigward ċaqlieq ta' bhejjem waqt attivitajiet.

2020 & 2475 Email mingħand l-Għaqda Maltija tal-Ortikultura rigward wirja annwali ta' nhar is-Sibt 17 u l-Ħadd 18 ta' Mejju 2014.

2339 Email mingħand it-Transport Malta rigward talba għal U-Shaped barrier quddiem in-nru. 4 fi Triq Gorg Borg Olivier, San Ġiljan.

2425 Email mingħand il-*Housing Authority* rigward fatturi pendenti.

2429 Email mingħand il-Ministeru ghat-Transport u Infrastruttura rigward ġibjuni tal-gvern.

2585 Email mingħand *Sacred Heart School* rigward tnehhija ta' *crash barrier.*

2595 Email mingħand l-Onorevoli Stefan Bountempo rigward il-Kumpless Dun Anton Sciberras.

2900 Email mingħand il-Kunsilliera Rita Dimech Portelli rigward nuqqas t'attendenza għal-laqgħa ta' Mejju 2014.

2922 Talba mingħand is-Sur Keith Galea f'isem Krav Maga Malta biex jieħdu ħsieb u jiżvillupaw il- 5-a side Pitch li hemm Ta' Ġiorni.

2923, 2872 Korrispondenza rigward bankina quddiem residenza fi Triq
2880 Michelangelo Cagiano.

**Fost l-ittri li nqraw ġew diskussi:-**

2.02 **Rif. Nru. 1891**

Saret riferenza għal email mingħand il-Perit Ian Cutajar b'talba għat-tneħħija ta' *parking bay* (faċċata ta' l-iżvilupp PA 1133/13 - 5 & 6 Triq il-Ballut, San Ġiljan). Wara diskussjoni qasira, ġie deċiż unanimament li din il-materja u oħrajn b'talbiet simili tintbagħat lit-Transport Malta fejn tiġi nfurmata li l-Kunsill mhux ser jiddeċiedi fir-rigward ta' dawn it-talbiet peress li din is-sitwazzjoni qed toħloq preċiedent.

2.03 **Rif. Nru. 1946**

B'riferenza għall-invoice għall-filming tal-Festa ta' Lapsi għas-sena 2013, il-Kunsill ġie nfurmat li l-Leon Promotions wiegħed li

ser iħallas dan il-kont. Ġie deċiż li din il-fattura tintbagħat lill-Leon Promotions biex titħallas.

2.04 **Rif. Nru. 2020 & 2475**

Saret riferenza għal email mingħand l-Għaqda Maltija tal-Ortikultura rigward wirja annwali li din is-sena saret nhar is-Sibt 17 u l-Ħadd 18 ta' Mejju 2014. Il-Kunsill ġie nfurmat li bħas-snin l-imoddija, il-Kunsill ipparteċipa.

2.05 **Rif. Nru. 2339**

Saret riferenza għall-email mingħand it-Transport Malta għat-tqegħid ta' *crash barrier* quddiem in-nru 4. fi Triq Ġorg Borg Olivier minflok it-talba li saret għal *U-Shaped barrier*. Ġie deċiż unanimament li:-

a) il-Kunsill jitlob li din il-*crash barrier* issir min-naħa tat-Transport Malta peress li l-Kunsill qatt ma nstalla dawn it-tip ta' *barriers.*

b) Transport Malta tiġi nfurmata li fi Triq il-Kbira ħdejn il-Barracuda hemm bżonn li tiġi rranġata l-*crash barrier* peress li hi mkissra.

2.06 **Rif. Nru. 2429**

B'riferenza għall-email mingħand il-Ministeru għat-Transport u Infrastruttura rigward bjar u ġibjuni f'postijiet pubbliċi, ġie deċiż unanimament li jiġi nfurmat li l-unika ġibjun li hawn f'San Ġiljan huwa f'area ta' Ta' Ġiorni.

2.07 **Rif. Nru. 2900**

B'riferenza għall-email mingħand il-Kunsilliera Rita Dimech Portelli rigward nuqqas t'attendenza għal-laqgħa ta' Mejju 2014, ġie deċiż unanimament li tiġi skużata.

2.08 **Rif. Nru. 2922**

Saret riferenza għat-talba mingħand is-Sur Keith Galea, f'isem Krav Maga Malta, fejn wera l-interess li jieħu t-tmexxija u l-iżvilupp ta' l-area tal-5-a side pitch li jinstab fil-kumpless Dun Anton Sciberras f'Ta' Ġiorni.

Wara diskussjoni qasira, ġie deċiż unanimament li s-Sur Galea jiġi nfurmat li l-Kunsill jaqbel ma' l-idea tal-proġett u li l-Kunsill ser jiltaqa' miegħu fi żmien qasir biex jiġi diskuss il-kontenut kemm tat-talba tiegħu kif ukoll kundizzjonijiet oħra.

Għal din il-laqgħa s-Sur Galea mitlub iġib id-dokumenti / pjanti kollha meħtieġa ta' dan il-proġett.

Is-Segretarju Eżekuttiv ġibdet l-attenzjoni tal-Kunsill li qabel tittieħed xi deċiżjoni għandu jintalab gwida mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali.

2.09 **Rif. Nru 2923, 2872, 2880**

B'riferenza għall-korrispondenza rigward il-bankina quddiem residenza fi Triq Michelangelo Cagiano, ġie deċiż unanimament li la l-unika differenza hija tal-kulur tal-konkos, minhabba li l-biċċa li għamel il-kuntratur hija aktar ċara mill-antika, il-Kunsill ma jaqbilx li għandha terġa tinqala' l-bankina.

Id-Dipartiment għall-Gvern Lokali jiġi nfurmat b'din id-deċiżjoni u bir-risposta li ta l-Perit tal-Kunsill.

## 3. Management Letter

3.01 Il-Kunsill ġie ppreżentat bil-*Management Letter* u bir-risposta li ġiet ippreparata (Ara Appendiċi 'C' u 'D').

3.02 kienet preżenti Ms. Johanna Caruana bħala rappreżentanta ta' JCA Ltd għall-accounts tal-Kunsill.

3.03 Ir-risposta għall-Management Letter ġiet spjegata fid-dettall u wara diskussjoni qasira l-Viċi Sindku Charles Camenzuli ppropona l-approvazzjoni għar-risposta għall-*Management Letter.*

3.04 Il-Kunsillier Alex Grech issekondah.

3.05 Il-Kunsill qabel unanimament.

## 4. Rapport Finanzjarju sal-31 ta' Marzu 2014

4.01 Il-Kunsill ġie ppreżentat bir-Rapport Finanzjarju sal-31 ta' Marzu 2014 (Ara Appendiċi 'E').

4.02 Ms. Caruana tat spjegazzjoni ddettaljata tar-Rapport Finanzjarju.

4.03 Wara diskussjoni qasira, l-Kunsillier Anthony Grech ippropona l-approvazzjoni tar-Rapport Finanzjarju sal-31 ta' Marzu 2014.

4.04 Il-Viċi Sindku Charles Camenzuli ssekondah.

4.05 Il-Kunsill qabel unanimament.

4.06 Ms. Caruana ġiet skużata fit-3.30p.m.

## 5. Proġett għal *Upgrading* tal-Pjazza u tal-Madwar

5.01 Il-Kunsill ġie nfurmat li l-proġett tal-Kunsill dwar l-***Upgrading*** **tal-Pjazza u tal-Madwar** ġie ppreżentat u approvat mir-Reġjun u appena li l-Kunsill jirċievi l-finanzi jkun jista' jibda bix-xogħolijiet.

5.02 Iċ-Ċermen kompla li:-

a) kull lokalita' ser tkun responsabbli li tosserva l-proċeduri u r-regolamenti finanzjarji.

b) Il-Kunsill ser jingħata 26% ta' l-ammont, mis-*surplus* li għandu r-Reġjun Ċentru, abbażi ta' multi li saru fil-lokalita' u li huma mħallsa, jigifieri madwar €104,000 (Ara Appendiċi 'F' u 'G'); u li tlett xhur oħra ser jerġghu jitqassmu aktar fondi. Iċ-Ċermen kompla li dawn il-fondi ser jintużaw għal ma' dan il-proġett.

5.03 Peress li għalissa l-ammont li ser jingħata l-Kunsill huwa inqas mill-istima tax-xogħolijiet, ġie deċiż unanimament li x-xogħolijiet ma jaqbżux dan l-ammont.

5.04 Iċ-Ċermen għarraf lill-Kunsill biex min għandu xi proġett iressaq id-dettalji lill-Kunsill biex jiġi diskuss.

## 6. Approvazzjoni għall-Pagamenti tal-Kontijiet.

6.01 Iċ-Ċermen ressaq il-pagamenti għall-approvazzjoni (Ara Appendiċi 'H').

6.02 Il-Kunsilliera Irene Borg ippроponiet l-approvazzjoni għall-pagamenti tal-kontijiet.

6.03 Il-Kunsillier Alex Grech issekondaha.

6.04 Il-Kunsill qabel unanimament.

## 7. Approvazzjoni ta' Purchase Request Sheets

7.01 Iċ-Ċermen ressaq il-Purchase Request Sheets minn Nru. 3574 sa 3596 għall-approvazzjoni (Ara Appendiċi 'I').

7.02 Il-Kunsillier Norman Vella ppropona l-approvazzjoni tal-Purchase Request Sheets minn Nru. 3574 sa 3596.

7.03 Il-Kunsillier Anthony Grech issekondah.

7.04 Il-Kunsill qabel unanimament.

7.05 Iċ-Ċermen talab sospensjoni tar-regolamenti sabiex jiġu diskussi materji oħra.

7.06 Ma kienx hemm oġġezzjoni.

## 8. Materji Oħra

8.01 Il-Kunsill ġie ppreżentat b'rapport b'konnessjoni mal-konferenza ta' l-ECAD li saret ġewwa Stockholm (Ara Appendiċi 'J') u li għaliha attendew is-Sindku, is-Segretarju Eżekuttiv u l-Kunsillier Norman Vella.

8.02 Il-Viċi-Sindku Charles Camenzuli u l-Kunsillier Anthony Grech ġew skużati fl-4.10 p.m.

8.03 Il-Kunsill ġie nfurmat li:

a) Fir-rigward l-attivita' tal-Festa Lapsi ġie miftiehem li din issir bl-ammont ta' €12000 minflok €18500 minħabba tnaqqis fil-finanzjament tal-Kunsill u li l-Kunsill jieħu ħsieb it-tindif sa massimu ta' €500.

b) Dwar ir-*replacement* tas-siġġijiet għal użu ta' l-uffiċċju ntgħażlet l-aktar offerta vantaġġjuża li hija ta' l-Invicta' (Ara Appendiċi 'K '). Ġie deċiż unanimament li meta jaslu s-siġġijiet, il-Kunsill jiddisponi mill-qodma.

c) Ser tintalab stima biex fi Triq Ġorġ Borġ Olivier tigi rrangata l-parti ta' quddiem il-Croppers. Jekk jirriżulta li l-istima tkun skont il-*budget* din issir.

d) Rigward il-Merħba Signs', inġibdet l-attenzjoni li l-Kunsill nforma lill-HSBC u lill-Kuntrattur diversi drabi biex jiġu rranġati dawn it-tabelli minħabba li saru ħżiena iżda dawn għadhom ma ġewx irranġati. Ġie deċiż unanimament li t-tabelli jerġgħu jsiru kif kienu oriġinarjament bla motto.

8.04 Il-laqgħa li jmiss ser issir nhar it-Tnejn 23 ta' Ġunju 2014 fis-2.00 p.m.

8.05 Il-laqgħa ntemmet fl-4.25p.m.

| | |
|---|---|
| **Peter Bonello** | **Helen Walker** |
| **Sindku** | **Segretarju Ezekuttiv** |